

Brussell, 13 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6077/23

CO EUR-PREP 5

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 u 24 ta' Marzu 2023) – Abbozz ta' aġenda annotata

---

*F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.*

*Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.*

*Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.*

## **I. UKRAJNA**

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ kontinwu tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

## **II. KOMPETITTIVITÀ, IS-SUQ UNIKU U L-EKONOMIJA**

B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2022 u ta' Frar 2023, il-Kunsill Ewropew ser:

- jiddiskuti l-istrateġija fit-tul tal-Ewropa biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-produttività u biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku;
- iwettaq segwitu tal-konklużjonijiet tiegħu ta' Frar 2023 biex il-bażi ekonomika, industrijali u teknoloġika tal-UE tkun adattata għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
- ikollu diskussjoni strateġika dwar il-politika kummerċjali tal-UE;
- jindirizza r-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE;
- jindirizza l-prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2023 u ser ikun mistieden japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

## **III. ENERĠIJA**

Il-Kunsill Ewropew ser jirrieżamina l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu, b'mod partikolari bil-ħsieb tat-tnejjija għax-xitwa u lil hinn minnha.

## **IV. PUNTI OĦRA**

Il-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni ser jinfurmaw lill-Kunsill Ewropew dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet dwar il-migrazzjoni tad-9 ta' Frar 2023.

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija.